SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 37**

**L-ERBGĦA 12 ta' MEJJU 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30p.m.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER (wasal fis-6.15p.m.) |
| RENE' ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU |

Il-Kunsill accetta r-raġunijiet li għalijhom ġie skużat.

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduti numru 35 u 36 ġew approvati kif emmendati. Il-Kunsillier Fenech ippropona filwaqt li l-Kunsillier Fava ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI SEDUTA NUMRU 35

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi tweġiba mid-dipartiment tat-toroq dwar l-esproprjazzjoni li kellha ssir fin-naħa ta' fuq ta Triq is-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li ntbagħtet reminder.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mill-Ministru tat-Rizorsi Umani dwar meta se jibdew ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ fil-Madliena. Is-Sindku wieġbet li sa issa għad ma waslitx rispota. Il-Kunsill talab biex tintbgħat reminder.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-istorbju li jsir fit-toroq minn studenti barranin fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu. Il-Kunsillier ġie infurmat li għaż-żewġ ittri li ntbagħtu, lanqas *acknowledgement* ma waslet. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa urġenti mas-Supretendent Gatt.

4. Il-Kunsillier informa li dalwaqt se jiġu iffinaliżżati l-aggregazzjonijiet ta' l-applikazzjonijiet għal-fondi specjali li kienu saru mill-Kunsill.Hu staqsa li jekk xi applikazzjoni mis-Swieqi tiġi accettata għandha ssir diskussjoni dwarha fl-laqgħa tal-Kunsill "ah doc"

5. Il-Kunsillier informa li l-Konferenza ECAD li kellha ssir f'Għawdex ma saritx. Din ser issir f'Settembru li ġej. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li għal din il-konferenza se jiġu mistiedna żewġ rappreżentanti minn kull Kunsill li naturalment s-Sindku tkun waħda minnhom. Hu staqsa li l-possibilita' li hu jkun preżenti wkoll. Il-Kunsill unanimament qabel.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI SEDUTA NUMRU 35

**<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

6. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar il-*pelican lights* li kellhom jiġu installati fit-Triq Ta' L-Ibraġ.Hu ġie infurmat li l-Bord ta' Transport Malta għad ma ltaqgħax.

7. Il-Kunsillier staqsa jekk sarx il-*coordination meeting* fl-14 ta' April 2010 dwar ix-xogħlijiet tat-tarmac fil-Madliena. Il-Kunsillier ġie infurmat li dan il-meeting sar u ġew diskussi x-xogħlijiet li għandhom isiru mill-WSC.

8. Il-Kunsillier informa li kellu jippublika fuq il-Website tal-Kunsill l-informazzjoni dwar *Zone Control Courses* dwar il-kosta. Il-Kunsill ġie infurmat li din l-*issue* ġiet diskussa darbtejn f'żewġ seduti differenti mingħajr ma ittieħdet deċiżjoni. Għaldaqstant issa tard wisq biex din tidher fuq il-Website peress li ż-żmien stipulat skada fil-1 ta' April 2010.

9. Il-Kunsillier staqsa kemm se tkun il-miżata ta' Skola Sajf din is-sena. Hu ġie infurmat li meta jittieħdu inkonsiderazzjoni ta' l-ispejjeż kollha, Insurance, Teachers, u stationery, bejn wieħed u ieħor il-miżata tkun 139 Euros.

10. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi żviluppi dwar l-iskrivana li kellha tiġi mill-Ministeru biex tgħin lill-Kunsill fl-applikazzjonijiet dwar fondi mill-EU. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sa issa għad ma waslitx risposta. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tiddiskuti din il-materja mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.

11. Il-Kunsillier informa dwar il-possibilita' ta' Konferenza ma' l-NGO's mill-pajjiżi ġirien tagħna dwar il-ħarsien ambjentali tal-baħar Mediterran, kif ukoll il-kosta ta' madwarna. Hu issuġġerixxa li għandha tinkiteb ittra lill-Ambaxxatur tal-pajjiżi fil-Mediterran biex dawn jgħaddu lil Kunsill lista ta' indirizzi ta' NGO's inkonnessjoni ma' dan is-suġġett. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li konferenza ta' dan il-livel iktar hi fir-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali milli ta' l-Amministrazzjoni lokali.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI SEDUTA NUMRU 35

**<u>Mill-Kunsillier Curmi.</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk hemmx indikazzjonijiet ta' meta se jibda x-xogħol ta' tarmac fil-Madliena. Hu ġie infurmat li qed isiru preparamenti għall-permessi meħtieġa.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għall-korrispondenzi li ktibna dwar l-*open plots* li hawn fil-lokalita'. Is-Segretarju informa li għad ma waslitx twegiba mill-MEPA. Il-Kunsill iddecieda li għandha tinbgħat reminder.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar ir-rotot il-ġodda tat-transport pubbliku. Is-Sindku wieġbet li r-rotot il-ġodda għad ma ġewx iffinalizzati.

   Il-Kunsillier staqsa jekk saritx l-aġġudikazzjoni ta' l-offerti dwar

   a) Manutenzjoni ta' toroq u bankini
   b) Insurance (Third-part reliability) tal-Kunsill
   c) Kiri ta' vettura kummercjali.

   Is-Segretarju wieġeb li dawn l-offerti għad ma ġewx iġġudikati mill-Kumitat tal-Finanzi.

**<u>Mill-Kunsillier Fenech</u>**

1. Il-Kunsillier informa li l-laqgħa li saret fis-sala tal-Parrocca, għal-Business Community kienet ta' success. Fil-laqgħa ġiet diskussa l-possibilita' ta' Kumitat minn fost is-sidien tal-ħwienet. Intbgħatet korrispondenza lil dawn is-sidien sabiex min huwa interessat jirreġistra ismu.

2. Il-Kunsillier irrapporta li xi residenti minn Triq is-Sirk qed joħorġu l-mixed waste tagħhom tard wara li diġa' jkun sar il-ġbir. Hu ssuġerixxa li dan l-abbuż għandu jiġi rrapurtat lill-Green Wardens. Il-Kunsillier Curmi wkoll ilmenta dwar dawn l-abbużi u issuġerixxa li l-kuntrattur il-ġdid għandu jibda l-ġabra tiegħu mhux qabel id-9.00am. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

3. Il-Kunsillier Fenech staqsa dwar jekk sarx kuntatt mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-istorbju li jsir fit-toroq tas-Swieqi fis-sigħat bikrin ta' filgħodu minn studenti barranin.Hu ġie infurmat li għad ma weġibx liż-żewġ ittri li ntbagħtulu. Il- Kunsillier staqsa biex mill-aktar fis possibli ssir laqgħa ma' l-Ispettur tad-Distrett. Il-Kunsilliera Fenech u Rossignaud talbu li jkunu preżenti għal din il-laqgħa.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **CARMEN SAID** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI SEDUTA NUMRU 35

4. Il-Kunsillier staqsa dwar il-possibilita'ta' dawl baxx fi Triq is-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hu għad kemm issottometta applikazzjoni għall-fondi mill-Ewropa €95,000Euros. Jekk din l-applikazzjoni tigi accettata dawn il-fondi jistgħu jintużaw għad-dawl solari fi Triq is-Swieqi u f' toroq oħra tal-madwar.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI SEDUTA NUMRU 36

1. Dwar din il-laqgħa, il-Kunsillier Fava irrimarka li jispera li fil-futur il-laqgħat tal-Kunsill ma jergħux isiru f'ħin li xi Kunsilliera ma jkunux jistgħu jattendu minħabba l-impjieg tagħhom. Hu ssuġerixxa lid war ħinijiet għandu jsir qbil bejn il-Kunsilliera kollha.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku infurmat li saret *coordination meeting* mal-WSC fl-14 ta' April 2010. Hi infurmat li l-WSC mhux se japprovaw il-permessi meħtieġa għat-tarmac jekk ma jsirux ix-xogħlijiet ta' bdil fil-mains fit-toroq. Huma sostnew li ħafna minn dawn il-mains huma qodma u għaldaqstant dawn ma jeħdux responsabbilita' jekk iġrulhom xi hsarat meta tkun qed issir xi pressa mill-inġenji tqal tat-tarmac. L-istima għal dawn ix-xogħlijiet tammonta ghal 97,514 Euros li skond ftehim bejn l-AKL u WSC dawn iridu jitħallsu mill-Kunsill.Għaldaqstant saret laqgħa urġenti ma' Dr.Chris Said fejn ġiet diskussa din il-problema. Dr.Said ġie infurmat li l-Kunsill ma għandux fondi mill-allokazzjoni biex jagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjeż. Wara diskussjoni twila mal-Ministru, dan accetta li l-Ministeru se jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż u għaldaqstant staqsa biex mill-aktar fis jiġu iffirmati iż-żewġ kuntratti mall-Water Services Corporation kif ukoll mal-kuntrattur li se jagħmel ix-xogħlijiet tat-tarmac.
   Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-kuntratt mal-WSC peress li l-Kunsill se jkun responsabbli li jħallas dawn il-fondi. Il-Kunsill qabel li la darba dawn il-fondi ser jiġu mill-Ministeru il-Kuntratt għandu jiġi iffirmat mill-aktar fis. Il-Kunsill qabel ukoll, li l-Minuti tal-laqgħa li saret mal-Ministru għandhom jinbagħtu lill-Ministru mill-aktar fis.

2. Is-Sindku infurmat li d-devoluzzjoni tat-Tennis court u l-Clubhouse qed tiġi iffinalizzata. Iċ-Ċerimonja ser issir bejn l-10 u 17 ta' Ġunju 2010. Dettalji dwar id-data uffiċċjali ser jingħataw iktar I' quddiem. Sar qbil li jsir bibita żgħira u l-Kunsill qabel.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3. Is-Sindku infurmat ukoll li dalwaqt se jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-pannelli solari li ġew installati fuq il-bejt tal-Kunsill. Dan il-proġett ukoll se jiġi inawgurat. Id-data uffiċċjali titħabbar iktar tard. Il-Kunsill talab li għal din iċ-ċerimonja ukoll għandha ssir bibita żgħira.. Il-kunsill qabel.

4. Is-Sindku resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill installazzjoni ta' bozza ġdida fi Triq G.Bessiera. Il-Kunsill approva.

5. Is-Sindku infurmat li attendiet għall-konferenza għall-iffirmar tal-Patt tas-Sindki fi Brussels. Hi infurmat li l-ispejjeż kollha li nefqet huma ma' konformi ma' l-istruzzjonijijet mogħtija mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali.

6. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-Ministru George Pullicino dwar il-proġett ta' Triq il-Keffa. Hi rrappurtat li l-proċess ta' l-esproprazzjoni diga' beda. Bdew ukoll ix-xogħlijiet fuq il-pjanti.

7. Is-Sindku ippreżentat rapport finanzjarju li jkopru minn Jannar-Marzu 2010. Dan ir-rapport jindika bilanc pożittiv.

8. Is-Sindku ippreżentat ukoll rapport *Management Letter 2010.*

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**<u>Mill-Kunsillier Gordon Shephard</u>**

1. Il-Kunsillier irrimarka dwar xi *tower cranes* li joperaw fil-lokalita'. Hu sostna biex kemm jista' jkun dan l-apparat jintrama' fuq il-post (fis-sit tal-bini) u mhux fit-triq li jista' joħloq periklu u ta' konvenjent għas-sewwieqa. Il-Kunsillier talab li hu għandu jkun infurmat malli xi applikazzjoni għal permess għal dan it-tip ta' apparat.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli................)

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier irrapporta dwar tfal/ġuvintur ta' eta' ta' bejn 12 u 18 –il sena li jiffrekwentaw il-ġnien ta' Triq il-Ħemel, dawn il-ħin kollu jpejpu u jixorbu l-birra u spirti. Dawn mhux qed ikunu ta' eżempju tajjeb għat-tfal iż-żgħar li jkunu qed jilagħbu fil-vicinanza.Il-Kunsillier ġie infurmat li saru diversi rapporti lill-Pulizija. Ġie deciż li dawn il-problemi se jig u diskussi ma' l-Ispettur tad-distrett waqt il-laqgħat tax-xahar.

2. Il-Kunsillier staqsa meta se jibdew ix-xogħlijiet taż-żebgħa (sinjali fit-toroq) fi Triq is-Sidra u l-aktar fil-kantuniera ma' Triq il-Qasam. Il-Kunsillier ġie infurmat li x-xogħlijiet se jibdew it-Tnejn 24 ta' Mejju 2010.

3. Il-Kunsillier irrapporta ukoll vetturi ipparkjati ħażin fuq id-double yellow line fi Triq is-Sidra fil-kantuniera ma' Triq il-Qasam. Dawn qed joħolqu periklu peress li jgħattu il-viżibilita' ta' dawk il-vetturi li jkunu ġejjin mid-direzzjoni ta' Triq il-Qasam. Hu talab għall-aktar sorveljanza mil-wardens.

4. Il-Kunsillier talab biex meta jibdew joperaw il-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena, il-minuti tal-laqgħat għandhom jigu ippreżentati fis-seduti tal-Kunsill.

**Rapporti mill-Kunsillier Rene' Rossignaud**

1. Il-Kunsillier irrapporta dwar il-possibilita'li l-iskart (mixed waste) jibda jinġabar aktar tard, per eżempju f'xi 9.00am minflok fit-8.30am.Dan minħabba li xi residenti qed jilmentaw li l-ġbir qed isir wisq kmieni.

2. Il-Kunsillier irrapporta dwar il-problemi li qed ikollhom ir-residenti minħabba li dawn mhux qed isibu fejn jipparkjaw. Hafna drabi dawn qed jipparkjaw fuq id-double yellow lines b'konsegwenza ta' xi citazzjoni. Il-Kunsillier irrakkommanda li għandha tiġi implementata sistema ta' Residence Parking Scheme. Il-Kunsillier Fava irrakkommanda wkoll dwar din is-sistema. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba ma' Transport Malta sabiex jibda il-process. Iż-żewġ Kunsilliera ħadu l-inkarigu li jkunu involuti fix-xogħlijiet ta' din l-iskema.

**HUGH ZAMMIT** — **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli................)

**<u>Rapport mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta dwar Park & Ride. Is-Sindku wieġbet li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier staqsa biex tintbgħat reminder.

2. Il-kunsillier staqsa jekk waslux xi riżultati għall-applikazzjoni għar-restawrar tal-Kappella tal-Madliena, Victoria Lines u l-Fortizza tal-Madliena. Il-Kunsillier ġie infurmat li l-aġġudikazzjonijiet għad ma ġewx iffinalizzati.

3. Il-Kunsillier irrapporta li qed jaslulu diversi ilmenti minn residenti dwar xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jibdew sa minn kmieni fis-6.00am. Il-Kunsillier ġie infurmat li dawn l-abbużi għandhom jiġu irrappurtati lill-Pulizija minħabba li dawn ma jistgħux jibdew jaħdmu qabel 7.00am.

4. Il-Kunsillier irraporta l-importanza li mill-aktar fis possibli tinżebagħ l-ewwel bollard fi Triq il-Marbat eżatt fl-entratura minn Regional Road. Dan minħabba periklu peress li ż-żona mudlama ħafna waqt il-ħinijiet tal-lejl.

5. Il-Kunsillier irrapporta dwar diversi trakkijiet u coaches li qed jużaw it-triq tal-wied għal San Gwann jew għas-Swieqi. Il-Kunsillier irrapporta li din it-triq mhux miftuħa għal dawn l-inġenji l-kbar, għaldaqstant ġie ssuġeriet is-sorveljanza tal-wardens u anki tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija waqt il-laqgħat ta' kull xahar.

**<u>Offerti</u>**
Ġbir ta' skart domestiku <u>MIXED WASTE</u>
Ġew sottomessi 4 offerti li huma:
Stimi fuq medja ta' 4 snin.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Northern Cleaners | 507891 Euros |
| 2. | M.Bonnici | 470184 Euros |
| 3. | Costantine Galea | 436800 Euros |
| 4. | Velljo Services | |

L-offerta ta' Velljo ma' gietx ikkunsidrata peress li d-dokumenti ma kienux fl-ordni mitluba.
Il-Kunsillier Shephard qara r-rapport ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat tal-Finanzi. Dan il-Kumitat irrakkommanda lis-Sur Constantine Galea peress li din kienet l-irħas offerta. Wara spjegazzjoni, l-Kunsill qabel mar-rikomandazzjoni tal-Kumitat tal-Finanzi li tintgħażel l-offerta ta' Constantine Galea peress li din kienet l-aktar waħda vantaġġjuża.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Il-Kunsill ġie infurmat li waslu l-150 Euros claim mill-insurance li kienu ġew nieqsa mill-fondi tal-kontravenzjonijiet.

2. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Vici Sindku flimkien mall-Kunsillier Shephard kiena għamlu analiżi tal-kontijiet kollha relatati mal-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq. Il-Kunsillier Shephard informa li dawn kollha instabu f'ordni tajba u kollha koperti b'*works order*. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jitħallsu.

3. Is-Segretarju staqsa dwar il-kuntratt tad-dawl li skada fit-26 ta' April 2010. Il-Kunsill ġie infurmat li dan jista' jiġi imġedded għal sena oħra. Il-Kunsill unanimament qabel li dan il-ftehim jiġi mġedded għal sena oħra li tagħlaq fil-25 ta' April 2011.

4. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Awditur irrakkomanda li tinxtara sistema ta' pay roll kompjuterizżata. Din hija aktar efficjenti u jsiru inqas żbalji. Il-Kunsill ma qabilx li tinxtara din is-sistema peress li ma hawnx daqstant ħaddiema fuq il-pay roll.

5. Ġiet preżentata kwotazzjoni għall-installar ta' injam fuq in-naħa ta' ġewwa mad-dawra tal-barriers fiż-żona ta' quddiem il-bandli ta' ġnien ta' Triq il-Hemel. Dawn ġew irrikomandati li jsiru għall-aktar sigurta'. Il-kwotazzjoni tammonta għal-590 Euros. Il-Kunsill unanimament qabel li x-xoghlijiet għandhom isiru u jibdew mill-aktar fis.

6. Tressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni dwar planters għall-pjanti li jiġu installati fuq il-ħajt li jifred il-bini tal-Knisja mill-bankina. Il-kwotazzjoni tammonta ghal-395.82 Euros.Dawn il-planters iservu ta' sigurta' peress li l-ħajt huwa wisq baxx u jista' jkun ta' periklu għat-tfal li jiffrekwentaw din iż-żona. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jinxtraw mill-fondi li jibqa' mill-attivita' Skola Sajf.

7. Tressqu għall-attenzjoni tal-Kunsill zewġ Memos 46 / 2010 u 52 / 2010. Il-Kunsill iddecieda li ma japplikax għall-Memo 52 / 2010, pero' qabel dwar Memo 46 / 2010 li titratta dwar depożitu ta' 800 Euros kull meta issir applikazzjoni għall-fondi mill-EU u tintalab l-għajnuna tal-MEUSAC.

8. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Minuti tal-laqgħa li saret ma' l-Onorevoli Chris Said fl-14 ta' April 2010. Din il-laqgħa saret minħabba xogħlijiet ta' mains minn WSC.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

**L-Applikazzjoni għall-fondi skema ERDF**

8. Il-Kunsill ġie infurmat li saret applikazzjoni għall-fondi mill-EU għal-95000 Euros, jekk l-applikazzjoni tiġi accettata dawn il-fondi jagħmlu tajjeb għall-xiri ta' *Solar Lighting.* Is-Segretarju Eżekuttiv talab approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitlob l-għajnuna ta' l-Inġinier Renzo Curmi biex iħejji rapport dettaljat dwar ir-rikjesti mehtieġa. Il-Kunsill qabel unanimament.

9. Is-Segretarju irrefera għall-korrispondenza tal-KKT (Kumitat Konġunt Tramuntana) dwar diskrepazzjoni fis-sistema finanzjarja ta' l-LES. Huwa informa li l-ammont dovut mill-Kunsill tas-Swieqi jammonta għal-163 Euros. Huwa informa ukoll li dwar din il-materja kellem u anke kiteb ufficjalment lil Ex skrivana, is-Sinjura Maryrose Decesare fejn din intalbet tagħti spjegazzjoni tal-każ, peress li l-ispejjeż involuti kienu "Cash". Is-Sinjura Decesare ma ħadet l-ebda azzjoni. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u iddecieda li s-Sinjura Decesare għanda tingħata aktar żmien biex issolvi dan il-każ.

## VI XIRI U AFFARIJIET OĦRA

1. Il-Kunsillier Fava irraporta li hu ma jidhurlux li għandu japprova il-pagamenti peress li l-iskeda fiha ħafna informazzjoni nieqsa. Għaldaqstant hu japprova biss is-salarju u l-pagamenti relatati mas-servizzi kuntrattwali.
Il-Kunsillier ippropona li l-iskeda għandha issir mill-ġdid bl-informazzjoni kollha rikjesta u tintbgħat lill-Kunsillieri għall-approvazzjoni. Il-Kunsill qabel.

**Billi s-Sindku u l-Kunsilliera ma kellhomx aktar x' jiddiskutu is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-9.00p.m. u sar aġġornament għal nhar il-Erbgħa 16 ta' Ġunju fil-5.30p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**